**NAXXAR**

# MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

## SEDUTA NRU. 4 - IT-TNEJN 27 TA' SETTEMBRU 2010

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil- 5:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joseph Woods | Viċi-*Chairperson* |
| | Maria Vella | Membru |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużata: | Evelyn Muscat | Membru |

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

1.1. Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel, li kienu meqjusa moqrija, ġew approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 2. REVIŻJONI FIS-SISTEMA TAT-TRAFFIKU

2.1. Il-Kumitat iddiskuta l-marki sofor bħala *reserved disabled parking* li tħallew fi Triq Xatt il-Palm minn Transport Malta (TM) bl-iskuża li l-permess ġie trasferit lil persuna oħra fil-familja Camilleri wara li l-istess TM kienet ikkonfermat li s-sinjali jistgħu jitneħħew. Is-SE spjega s-soltu proċedura għal dawn it-tip ta' permessi u li għat-trasferiment TM ma mxietx ma' din il-proċedura. Il-Kumitat ħass li dan mhux aċċettabbli.

2.2. Is-Sinj. Cuomo ippreżentat xi ħsibijiet dwar proposta ta' sistema ta' traffiku f'direzzjoni waħda. Kien hemm qbil li dan għandu jkun diskuss ma' TM f'aktar dettall.

### 3. IL-LAQGĦA GĦAR-RESIDENTI

3.1. Il-Kumitat qabel li fil-laqgħa mar-residenti għandha tkun diskussa l-ħidma tal-Kumitat, tingħata ħarsa lejn il-fondi allokati u wara jkun hemm diskussjoni. Il-Kumitat qabel li l-laqgħa m'għandiex iddum aktar minn siegħa.

3.2. Is-SE se jieħu ħsieb jipprepara l-aġenda għal kull min jattendi filwaqt li jġib il-*projector*. Għandha tkun ippreparata wkoll formola biex wieħed jimla d-dettalji tal-email ħalli jiddaħħal fil-*mailing list*.

## 4. IL-KUNTRATT TAL-ĠBIR TAL-ISKART U L-ĦRUĠ TAL-OFFERTI MILL-KUNSILL

4.1. Kopja ta' kull kuntratt li għalih kienu se joħorġu l-offerti kien intbagħat qabel il-laqgħa lil kull membru.

4.2. Is-Sinj. Cuomo semmiet li qed ikun hemm kummenti li s-servizz tal-ġbir ta' skart qiegħed jingħata kmieni wisq.

4.3. Dwar il-kuntratt tal-knis tat-toroq il-Kumitat qabel li fi Triq il-Lampara għandu jkun hemm knis tlett ijiem fil-ġimgħa filwaqt li fi Triq ir-Ridott jibqa' kif inhu fil-preżent.

## 5. IL-PUBBLIKAZZJONI TAL-FULJETT

5.1. Is-Sur Woods informa li ma kienx laħħaq ipprepara l-fuljett għall-aħħar ta' Settembru u għalhekk se jagħmel tentattiv għall-aħħar ta' Ottubru.

5.2. Kien hemm qbil li l-isem tal-fuljett ikun *Pebbles* filwaqt li l-istampar isir mill-uffiċċju tal-Kunsill (*laser print-outs)*.

## 6. ATTIVITAJIET SPORTIVI

6.1. Kien hemm qbil li l-Kumitat Amminsitrattiv japplika għall-inizjattiva tal-attivitajiet sportivi.

6.2. Is-Sinj. Vella se tikkordina l-applikazzjoni filwaqt li s-SE se jara li tintbagħtilha kopja tal-applikazzjoni tal-Kunsill ħalli tkun tista' tużaha bħala kampjun.

## 7. IL-PROĠETT ARTWASTE

7.1. Is-Sur Woods informa li l-ispejjeż għall-proġett ***Artwaste*** kienu dawn: €91 għal xiri ta' materjal minn Joe Pierre Bonello, €150 għall-użu tas-sala u €400 għal-għalliema. L-organizzazjoni WCNT taw donazzjoni ta' €50.

## 8. ĦLAS GĦALL-UŻU TAS-SALA TAL-KNISJA F'ATTIVITAJIET MILL-KUMITAT F'BIĊ

8.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li t-talba għall-ħlas għal kull użu tas-sala tal-Knisja kienet ta' €25. Il-Kumitat ħass li dan huwa ammont raġonevoli filwaqt li bażikament m'hemm l-ebda alternattiva.

8.2. Is-Sur Woods semma li fis-sala għandhom ir-riżorsi meħtieġ għall-attivitajiet u għalhekk il-post huwa ideali. Huwa kompla jissuġerixxi li jsir *booking* bil-quddiem sal-aħħar tas-sena għal attivitajiet li se jiġu organizzati mill-Kumitat.

## 9. ĦWEJJEĠ OĦRA

9.1. Is-SE informa li dwar il-ħtieġa tad-dawl fi Triq A M Caruana l-Inġinier tal-Kunsill kien għamel żewġ proposti oħra. Il-Kumitat għażel l-irħas proposta għal tliet bozoz għall-prezz ta' €1,504.

9.2. Is-Sur Woods semma l-bżonn li jsir *survey* biex il-Kumitat ikun jaf aktar dwar il-lokalità u jkun jista' jippjana aħjar għall-futur.

9.3. Is-Sinj. Cuomo talbet lis-SE biex jikkordina laqgħa mas-Sur Ray Abela ta' TCTC bil-ħsieb li possibilment isiru korsijiet tal-kompjuter f'BIĊ.

9.4. Is-Sinj. Cuomo infurmat li l-permessi għall-proġett tal-Pjazza issa huma approvati. Hija kienet tkellmet ukoll mal-Ministeru tar-Riżorsi li jidher pożittiv li se jkun jista' jalloka l-fondi għas-sena 2011 għall-bini tal-Pjazza. Ma' din kien hemm ukoll il-ħsieb li jsir ukoll proġett ta' tisbieħ fiż-żona tal-gabbana.

9.5. Is-Sinj. Cuomo semmiet ħsieb ta' attività favur l-ambjent għal Novembru. Għal din semmiet l-idea li jitqassmu boroż griżi lir-residenti għall-iskart imħallat.

9.6. Kien espress li l-Kumitat għandu jkollu *letterheads* tiegħu għaliex ħassew li mhux xieraq li fil-komunikazzjoni mar-residenti ma jkun hemm xejn x'jindika min huma l-membri tal-Kumitat. Kien hemm qbil ukoll li l-membri għandu jkollhom ukoll il-*business cards*.

9.7. Kien suġġerit li tintalab laqgħa mal-Onor. Jason Azzopardi dwar il-*caravan site* biex il-Kumitat ikun infurmat x'se jiġri fil-futur filwaqt li jkunu diskussi xi ideat u proposti għal użu aħjar. Barra minn hekk tintalab kamra għal-laqgħat tal-Kumitat għaliex mhux sewwa li tal-*caravans* ingħataw kamra u l-Kumitat m'għandux post.

9.8. Is-Sinj. Cuomo semmiet l-ilment numru 44/0836/08 dwar talba għal tiswija ta' bankina fi Triq l-Imsaqqfin. Is-SE informa li se jindaga dwar dan l-ilment.

9.9. Issemmiet li hemm rampa tiżloq fi Triq l-Imsaqqfin. Is-SE wiegħed li jibgħat lill-*handymen* jieħdu xi ritratti ħalli jittieħdu l-passi neċessarji.

9.10. Kien suġġerit li jingħata riċipjent għar-rimi tal-batteriji użati fil-ħanut ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi.

## 10. TMIEM IL-LAQGĦA

10.1. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn l-1 ta' Novembru fil-5:30pm.

10.2. Il-laqgħa intemmet fis-7pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| *Chairperson* | Segretarju Eżekuttiv |